

It-tieni aggravju, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 296(2) TFUE, tal-Artikolu 41(1) u 41(2)(c) tal-Karta u tal-obbligu ta' motivazzjoni inkwantu l-Qorti Ĝeneralni naqset milli tipprovdi raġunament suffiċientement iddettaljat u mmotivat, filwaqt li, konformement mal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, il-Qorti Ĝeneralni għandha tiżvela r-raġunament tagħha b'tali mod li l-appellant tkun tista' tkun taf ir-raġunijiet għad-deċiżjoni mogħtija.

- (<sup>1</sup>) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1960 tal-10 ta' Diċembru 2018 dwar miżura ta' salvagwardja meħuda mill-İżveżja skont id-Direttiva 2006/42/KF tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex tipprobixxi t-tqiegħid fis-suq ta' tip ta' magna pinsetter u kitt supplimentari li għandu jintuża flimkien ma' dik it-tip ta' magna pinsetter, immanifatturata minn Brunswick Bowling & Billiards, u biex tirtira dawk il-magni li digħi tqiegħdu fis-suq (ĠU 2018, L 315, p. 29).

**Appell ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2021 minn Mytilinaios AE – Omilos Epicheiriseon mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ĝeneralni (It-Tielet Awla Estiża) fit-22 ta' Settembru 2021 fil-Kawża magħquda T-639/14 RENV, T-352/15 u T-740/17, Dimosia Epicheirisi Ilektrismou AE vs Il-Kummissjoni Ewropea, sostnuta minn Mytilinaios AE – Omilos Epicheiriseon**

(Kawża C-701/21 P)

(2022/C 37/28)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

### Partijiet

**Appellant:** Mytilinaios AE – Omilos Epicheiriseon (rappreżentanti: Vassilios-Spyridon Christianos u Georgios Karydis, avukati)

**Partijiet oħra fil-proċedura:** Dimosia Epicheirisi Ilektrismou AE (DEI), Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

L-appellant titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ĝeneralni fil-Kawża magħquda T-639/14 RENV, T-325/15 u T-740/17;
- jekk ikun hemm bżonn, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ĝeneralni sabiex tagħti deċiżjoni;
- tikkundanna lil DEI AE għall-ispejjeż kollha tal-kawża.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-għan tas-sentenza appellata kien li jiġi ddeterminat jekk il-Kummissjoni kienx imissha kellha, fis-sens tal-Artikolu 4(3) u (4) tar-Regolament 2015/1589 (<sup>1</sup>), dubji jew diffikultajiet serji fir-rigward tal-eżiżtenza ta' ghajjnuna mill-Istat li tikkonċernea t-tariffa għall-provvista ta' enerġija elettrika applikata minn DEI AE fir-rigward tal-appellant wara deċiżjoni ta' arbitraġġ, dubji jew diffikultajiet serji li kellhom iwasslu lill-Kummissjoni tibda proċedura ta' investiġazzjoni formal.

L-appellant tinvoka tliet aggravji u ssostni li fis-sentenza appellata:

- **Fl-ewwel lok,** il-Qorti Ĝeneralni naqset milli teżamina l-prinċipiġi ġeneralji tad-dritt ta' “*nemo auditur [...]*” u ta’ “*venire contra factum proprium*” fir-rigward tal-interess leġittimu ta’ DEI AE li tippreżenta rikors għal annullament.
- **Fit-tieni lok,** il-Qorti Ĝeneralni wettqet żball ta’ liġi, minn naħa, fir-rigward tal-kriterju ta’ operatur privat previst fl-Artikolu 107(1) TFUE u, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-kwalità tat-tribunal ta’ arbitraġġ bħala korp tal-Istat.
- **Fit-tielet lok,** il-Qorti Ĝeneralni wettqet żball ta’ liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 tar-Regolament 2015/1589, minn naħa, fir-rigward tar-rekwiżit ta’ dubji jew ta’ diffikultajiet serji dwar l-eżiżtenza ta’ ghajjnuna mill-Istat fil-fażi tal-eżami preliminari tal-ilmenti u, min-naħħa l-oħra, fir-rigward tal-inverżjoni tal-oneru tal-prova.

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta’ Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9).